



Brussell, 22 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9073/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0100 (NLE)

RESUA 10
FIN 658
ECOFIN 596
ELARG 66
COEST 359
DEVGEN 76
UA PLATFORM 10

NOTA

Suġġett: ANNESS tad-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet għall-pagament parzjali skont is-seba' pagament parzjali tal-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447

ANNEX

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Fl-14 ta' April 2026, l-Ukrajna ressqet talba għall-pagament ta' parti mill-ħames, is-sitt u s-seba' pagament parzjali tal-Pjan għall-Ukrajna, f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/792 tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna¹. Biex tappoġġja t-talba għall-pagament, l-Ukrajna pprovdiet ġustifikazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti ta' pass wieħed fil-ħames pagament parzjali, żewġ passi fis-sitt pagament parzjali u ħdax-il pass fis-seba' pagament parzjali stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna², kif emendat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2157 ("l-Anness tas-CID")³. L-Ukrajna pprovdiet ukoll evidenza għall-kisba sodisfaċenti ta' żewġ passi fit-tmien pagament parzjali u żewġ passi fid-disa' pagament parzjali.

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Ukrajna, it-18-il pass meqjusa li ntleħqu b'mod sodisfaċenti.

Bħala parti mill-**Kapitolu 2** dwar il-ġestjoni finanzjarja pubblika, ġew adottati l-istrateġija għall-ġestjoni tad-dejn tal-Istat fuq terminu medju u l-emendi għal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-kontroll finanzjarju tal-Istat.

Bħala parti mill-**Kapitolu 3** dwar is-sistema ġudizzjarja, imtlew mill-inqas 20 % tal-pożizzjonijiet vakanti ġudizzjarji, ġew solvuti 20 % tal-każijiet dixxiplinari qodma mhux ikkunsidrati sa tmiem l-2023, daħlet fis-seħħ l-evalwazzjoni tal-kwalifiki (skrutinju) fir-rigward ta' 50 % tal-imħallfin li kien għad iridu jgħaddu minnha mit-30 ta' Settembru 2016, tlestiet il-liġi dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti relatati ma' obbligi monetarji u mhux monetarji u kompliet tiġi diġitalizzata l-proċedura ta' infurzar u saret operazzjonali sistema ta' ġbir ta' data dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti.

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>).

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/1447, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1447/oj). L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CONSIL%3AST_9492_2024_ADD_1&qid=1716536456361.

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2157 tas-17 ta' Ottubru 2025 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2025/2157, 27.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/2157/oj).

Bħala parti mill-**Kapitolu 5** dwar is-swieq finanzjarji, ġiet ippubblikata l-valutazzjoni tar-reżiljenza fis-sistema bankarja u daħlet fis-seħħ il-liġi dwar it-titjib tar-regolamentazzjoni tal-istat għas-swieq kapitali u s-swieq tal-komoditajiet organizzati.

Bħala parti mill-**Kapitolu 7** dwar il-kapital uman, ġiet adottata l-istrateġija għall-impjieġ tal-popolazzjoni u daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni dwar il-prinċipji bażiċi tal-politika tad-djar.

Bħala parti mill-**Kapitolu 8** dwar l-ambjent tan-negozju, daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-deregolamentazzjoni f'setturi speċifiċi.

Bħala parti mill-**Kapitolu 10** dwar is-settur tal-enerġija, daħlet fis-seħħ il-liġi dwar it-traspożizzjoni tal-pakkett dwar l-integrazzjoni tal-elettriku u ġiet adottat il-programm ekonomiku mmirat mill-Istat għall-modernizzazzjoni tal-enerġija tal-intrapriżi li jiġġeneraw is-sħana għall-perjodu sal-2030.

Bħala parti mill-**Kapitolu 12** dwar is-settur agroalimentari, ġiet ppubblikat ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ mill-Istat permezz tar-Reġistru Agrikolu pubbliku.

Bħala parti mill-**Kapitolu 13** dwar il-ġestjoni tal-materja prima kritika, ġiet ppubblikat studju dwar il-leġiżlazzjoni dwar ir-rapportar ESG.

Bħala parti mill-**Kapitolu 14** dwar it-trasformazzjoni diġitali, daħal fis-seħħ l-att legali dwar il-funzjonament tas-Sistema Integrata ta' Identifikazzjoni Elettronika.

Bħala parti mill-**Kapitolu 15** dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u l-protezzjoni ambjentali, ġiet adottata r-risoluzzjoni dwar il-Kunsill Xjentifiku u Espert dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Preservazzjoni tas-Saff tal-Ożonu.

Pass 2.6

Isem il-pass: Adozzjoni tal-istrateġija għall-ġestjoni tad-dejn tal-istat fuq terminu medju
Riforma/investment relatat: Riforma 3. Ġestjoni mtejba tad-dejn pubbliku
Iffinanzjat minn: self
Kuntest Ir-rekwiżit għall-pass 2.6 deskritt fl-Anness tas-CID huwa: <i>"Adozzjoni tal-istrateġija għall-ġestjoni tad-dejn tal-istat fuq terminu medju (MTDS) għall-2026–2028. L-MTDS tiffoka fuq dawn l-oqsma ewlenin:</i> <ul style="list-style-type: none">- <i>analiżi tal-istruttura u x-xejriet attwali tad-dejn pubbliku;</i>- <i>miri biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn;</i>- <i>miżuri għall-iżvilupp tas-suq tat-titoli tal-gvern domestiku.</i> Il-pass 2.6 huwa l-uniku pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 3 tal-Kapitolu 2 (ġestjoni finanzjarja pubblika).
Evidenza pprovduta <ol style="list-style-type: none">1) Dokument ta' sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID;2) Kopja tar-Riżoluzzjoni tal-Kabinet tal-Ministri Nru 1716 "Dwar l-Approvazzjoni tal-Istrateġija għall-Ġestjoni tad-Dejn Pubbliku fuq Terminu Medju għall-2026–2028" datata l-24 ta' Diċembru 2025;3) Kopja tal-"Istrateġija għall-Ġestjoni tad-Dejn Pubbliku fuq Terminu Medju għall-2026–2028" bħala dokument mehmuż mar-Riżoluzzjoni Nru 1716 tal-24 ta' Diċembru 2025.
Analiżi Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 2.6. Ir-riforma 3 għandha l-oġettiv li żżid it-trasparenza tal-politika tal-ġestjoni tad-dejn tal-Istat u l-effiċjenza tal-ġestjoni tad-dejn tal-Istat. L-istrateġija għall-Ġestjoni tad-Dejn Pubbliku fuq Terminu Medju għall-2026–2028 tistabbilixxi qafas għall-ġestjoni tad-dejn pubbliku tal-Ukrajna, li jiffoka fuq is-sostenibbiltà tad-dejn, il-ġestjoni tar-riskju, u l-iżvilupp tal-kapaċità ta' finanzjament domestiku. L-analiżi tal-istruttura u x-xejriet attwali tad-dejn pubbliku tipprovdi valutazzjoni komprensiva tal-evoluzzjoni tad-dejn pubbliku tal-Ukrajna, filwaqt li tenfasizza sehem ogħla ta' finanzjament estern u konċessjonali, żieda fl-iskopertura tal-munita barranija, u profil ta' maturità estiż. Din tidentifika bidliet strutturali ewlenin li jirfdu l-istruttura tad-dejn attwali. Il-miri biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn jipprevedu ż-żamma tal-aċċess għall-finanzjament konċessjonali u l-applikazzjoni ta' operazzjonijiet attivi ta' ġestjoni tad-dejn biex jittaffew ir-riskji ta' rifinanzjament u tal-kostijiet. L-oġettiv huwa li tittejjeb ir-reżiljenza tad-dejn permezz ta' maturitajiet itwal u żieda gradwali fil-finanzjament domestiku.

Il-miżuri għall-iżvilupp tas-suq tat-titoli tal-gvern domestiku jipprevedu t-tisħiħ tal-kapaċità ta' finanzjament domestiku permezz ta' arranġamenti ta' ħruġ imtejba, l-iżvilupp tal-infrastrutturi tas-suq, u l-espansjoni tal-bażi tal-investituri. L-oġettiv huwa li maż-żmien titnaqqas id-dipendenza strutturali fuq il-finanzjament estern.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 2.9

Isem il-pass: Adozzjoni tal-emendi għal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-kontroll finanzjarju tal-istat

Riforma/investment relatat: Riforma 5. Sistema mtejba ta' awditjar u ta' kontroll finanzjarju

Iffinanzjat minn: self

Kuntest

Ir-rekwiżit għall-pass 2.9 deskritt fl-Anness tas-CID huwa:

"Adozzjoni ta' emendi għar-riżoluzzjonijiet tal-Kabinett tal-Ministri u, jekk meħtieġ, id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni rilevanti oħra dwar il-kontroll finanzjarju tal-istat. Dawn l-emendi jiffukaw fuq dawn l-oqsma ewlenin:

- *għoti ta' appoġġ lis-Servizzi tal-Awditjar tal-Istat biex jiġi żgurat li l-istituzzjoni tkun mgħammra bl-għodod meħtieġa biex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-fondi użati taħt il-Pilastru I tal-Faċilità għall-Ukrajna, f'konformità mal-prinċipji tal-istandards internazzjonali tal-awditjar;*
- *tisħiħ tal-miżuri għall-monitoraġġ tal-proċeduri tal-akkwist."*

Il-pass 2.9 huwa l-uniku pass fl-implimentazzjoni tar-riforma 5 tal-kapitolu 2 (ġestjoni finanzjarja pubblika).

Evidenza pprovduta

- 1) Dokument ta' sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID;
- 2) Kopja tar-Riżoluzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna ("CMU", Cabinet of Ministers of Ukraine) datata s-6 ta' Settembru 2024, [Nru 1031](#), "Dwar ir-Riżoluzzjonijiet Emendatorji tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna Nru 43 tat-3 ta' Frar 2016, u Nru 1110 tal-25 ta' Ottubru 2017";
- 3) Kopja tar-Riżoluzzjoni tas-CMU datata t-13 ta' Novembru 2025, [Nru 1473](#), "Dwar l-Emendar ta' Ċerti Riżoluzzjonijiet tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna Rigward l-Attivitajiet tal-Korpi Statali tal-Kontroll Finanzjarju";
- 4) Kopja tar-Riżoluzzjoni tas-CMU datata d-19 ta' Novembru 2025, [Nru 1483](#), "Dwar l-Approvazzjoni tal-Proċedura għat-Twettiq tal-Awditjar Finanzjarju tal-Istat mis-Servizz tal-Awditjar tal-Istat u l-Korpi Territorjali Interreġjonali tiegħu fi ħdan il-Qafas tat-Trattati Internazzjonali tal-Ukrajna";

5) Kopja tal-Ordni tas-CMU datata t-3 ta' Diċembru 2025, [Nru 1390](#), "Dwar l-Approvazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għat-Tisħiħ tal-Kontroll fuq l-Akkwist Pubbliku u l-Approvazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Implimentazzjoni tiegħu għall-2025–2027".

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 2.9.

Ir-riforma 5 għandha l-objettiv li ssaħħaħ is-sistema tal-awditjar u tal-kontroll finanzjarju, b'mod partikolari biex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-fondi użati taħt il-Pilastru I tal-Faċilità għall-Ukrajna, f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2024/792.

Dan il-pass ġie ssodisfat permezz tal-emendi li ġejjin għar-riżoluzzjonijiet tal-Kabinett tal-Ministri:

L-ewwel nett, ir-Riżoluzzjoni Nru 1473 tas-CMU tespandi s-setgħat operazzjonali tas-Servizz tal-Awditjar tal-Istat, inkluża l-awtorità li jikkuntattja lir-riċevituri finali direttament, iwettaq kontrolli ta' segwitu fuq il-post u jibda spezzjonijiet abbażi ta' talbiet minn awtoritajiet barranin jew nuqqas ta' konformità rrapportat mar-regoli finanzjarji tal-UE.

It-tieni, ir-Riżoluzzjoni Nru 1483 tas-CMU tistabbilixxi proċedura ddedikata għall-awditi finanzjarji tal-Istat skont ftehimiet internazzjonali, inkluża l-Faċilità għall-Ukrajna, li tirrikjedi aderenza ma' standards rikonoxxuti internazzjonalment bħall-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs).

It-tielet, ir-Riżoluzzjoni Nru 1031 tas-CMU temenda r-riżoluzzjonijiet fundamentali li jirregolaw il-kontroll finanzjarju tal-Istat u tiddeżinja s-Servizz tal-Awditjar tal-Istat bħala Servizz ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS), li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni strutturata mal-OLAF.

Ir-raba', l-Ordni Nru 1390 tapprova Pjan Direzzjonali għat-tisħiħ tal-kontroll tal-akkwist għall-2025–2027, li jistabbilixxi miżuri konkreti biex tissaħħaħ il-kapaċità tas-Servizz tal-Awditjar tal-Istat, inkluż permezz tat-titjib tad-diġitalizzazzjoni, il-monitoraġġ ibbażat fuq ir-riskju u l-kooperazzjoni internazzjonali.

Flimkien, dawn l-atti legali jipprovdu appoġġ lis-Servizz tal-Awditjar tal-Istat biex jiġi żgurat li l-istituzzjoni tkun mgħammra bl-għodod meħtieġa biex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-fondi użati taħt il-Pilastru I tal-Faċilità għall-Ukrajna, f'konformità mal-prinċipji tal-istandards internazzjonali tal-awditjar, u biex jissaħħu l-miżuri għall-monitoraġġ tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 3.1

Isem il-pass: Li jimtlew mill-inqas 20 % tal-pożizzjonijiet vakanti ġudizzjarji

Riforma/investment relatat: Riforma 1. It-tiżiħ tar-responsabbiltà, l-integrità u l-professjonaliżmu tal-ġudikatura

Iffinanzjat minn: self

Kuntest

Ir-rekwiżit għall-pass 3.1 deskritt fl-Anness tas-CID huwa:

"Mill-inqas 20 % tal-pożizzjonijiet vakanti ġudizzjarji disponibbli mis-16 ta' Ottubru 2023 (numru totali ta' 2 205 pożizzjonijiet) jimtlew abbażi tal-leġiżlazzjoni emendata, li tinkludi l-elementi li ġejjin:

- *stadji simplifikati tal-għażla u perjodi ta' taħriġ ġudizzjarju obligatorji mqassra;*
- *applikazzjoni konsistenti ta' kriterji ta' valutazzjoni ċari u ppubblikati kif xieraq u metodoloġija ta' punteġġ għall-valutazzjoni tal-kompetenza professjonali u l-integrità tal-kandidati ġudizzjarji;*
- *involvement tal-Kunsill għall-Integrità Pubblika fil-valutazzjoni tal-integrità tal-kandidati ġudizzjarji kull meta l-liġi tkun teħtieġ dan."*

Il-pass 3.1 huwa t-tieni minn sitt passi fl-implimentazzjoni tar-riforma 1 tal-kapitolu 3 (sistema ġudizzjarja), flimkien mal-pass 3.2 dwar id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi qorti ġdida biex tisma' kawżi amministrattivi. Qablu kien hemm il-pass 3.5 dwar id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tirrevedi d-dikjarazzjonijiet ta' integrità tal-imħallfin u l-proċess ta' verifika tagħhom, li għadu ma ġie x issodisfat mit-tieni trimestru tal-2025. Dan huwa segwit mill-pass 3.15 (mistenni sar-raba' trimestru tal-2026) dwar l-operazzjonalizzazzjoni tal-Qorti Amministrattiva Distrettwali Speċjalizzata u tal-Qorti Amministrattiva Speċjalizzata tal-Appell.

Evidenza pprovduta

- 1) Dokument ta' sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID;
- 2) Kopji tad-deċiżjonijiet tal-President tal-Ukrajna dwar il-ħatra tal-imħallfin fil-qrati lokali u fil-livell tal-appell;
- 3) Kopji ta' spjegazzjoni dwar l-involvement tal-Kunsill għall-Integrità Pubblika;
- 4) Kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 3511-IX "Dwar l-Emendi għal-Liġi tal-Ukrajna "Dwar is-Sistema Ġudizzjarja u l-Istatus tal-Imħallfin" u Xi Atti Leġiżlattivi tal-Ukrajna dwar it-Titjib tal-Proċeduri tal-Karriera Ġudizzjarja" bid-data tad-9 ta' Diċembru 2023;
- 5) Kopja tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Għolja tal-Kwalifiki tal-Imħallfin tal-Ukrajna li temenda r-regolamenti dwar l-organizzazzjoni ta' kompetizzjoni għall-pożizzjoni vakanti ta' mħallf Nru 72/zp-24 datata d-29 ta' Frar 2024;
- 6) Kopja tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Għolja tal-Kwalifiki tal-Imħallfin tal-Ukrajna Nru 95/zp-23 tal-14 ta' Settembru 2023 (kompetizzjoni għall-imħallfin fil-qrati lokali);
- 7) Kopja tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Għolja tal-Kwalifiki tal-Imħallfin tal-Ukrajna Nru 94/zp-23 tal-14 ta' Settembru 2023, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-14 ta' Diċembru 2023 (kompetizzjoni għall-imħallfin fil-qrati tal-appell).

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopro l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 3.1.

L-objettiv tar-riforma l huwa li ssaħħaħ il-kontabilità, l-integrità u l-professjonaliżmu tal-ġudikatura u tibni l-fiduċja pubblika fil-ġudikatura billi terġa' tibda l-għażla trasparenti u meritokratika tal-imħallfin, tagħti spinta lill-evalwazzjoni tal-kwalifiki tal-imħallfin li jippresjedu, issaħħaħ is-sistema ta' responsabbiltà dixxiplinari, tikkonsolida l-għodod eżistenti tal-integrità ġudizzjarja, u tistabbilixxi qorti ġdida biex tisma' kawżi amministrattivi li jinvolvu aġenziji tal-istat.

Fid-9 ta' Diċembru 2023, il-Parlament Ukren adotta l-Liġi tal-Ukrajna Nru 3511-IX *"Dwar l-Emendi għal-Liġi tal-Ukrajna "Dwar is-Sistema Ġudizzjarja u l-Istatus tal-Imħallfin" u Xi Atti Leġiżlattivi tal-Ukrajna dwar it-Titjib tal-Proċeduri tal-Karriera Ġudizzjarja"* li ssimplifikat l-istadji tas-selezzjoni u li qassret il-perjodi obbligatori ta' taħriġ ġudizzjarju. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Għolja tal-Kwalifiki tal-Imħallfin (HQ CJ) Nru 72/zp-24 tistabbilixxi kriterji ta' valutazzjoni u metodoloġija ta' punteġġ ċari u ppubblikati kif xieraq.

F'konformità mal-leġiżlazzjoni emendata, fl-14 ta' Settembru 2023 il-Kummissjoni Għolja tal-Kwalifiki tal-Imħallfin (HQ CJ) ħabbret kompetizzjoni għal 560 imħallef fil-qrati lokali u kompetizzjoni oħra għal 550 imħallef fil-qrati tal-appell. Abbażi tar-riżultati tal-kompetizzjonijiet, fiż-żmien tar-rapportar, l-HQ CJ kienet ippreżentat rakkomandazzjonijiet għal 393 kandidat għall-ħatra bħala mħallfin fil-qrati lokali u 178 kandidat għall-ħatra bħala mħallfin fil-qrati tal-appell (571 rakkomandazzjoni b'kollox).

Il-Kunsill għall-Integrità Pubblika kien involut fil-valutazzjoni tal-integrità tal-kandidati fejn meħtieġ mil-liġi.

Wara l-kompetizzjoni, il-Kunsill Għoli tal-Imħallfin ta rakkomandazzjonijiet tal-imħallfin magħżula għall-ħatra mill-President. Fiż-żmien tar-rapportar, il-President kien ħatar total ta' 451 imħallef fil-qrati lokali u fil-livell tal-appell. Il-ħatriet jirrappreżentaw aktar minn 20 % tat-2 205 pożizzjoni disponibbli fis-16 ta' Ottubru 2023.

Abbażi tal-ispreadsheet ipprovduta mill-awtoritajiet Ukreni li telenka l-imħallfin maħtura kollha, is-servizzi tal-Kummissjoni ħadu kampjun aleatorju ta' 60 unità. Għal kull unità fil-kampjun, l-awtoritajiet Ukreni pprovdew links għad-deċiżjonijiet tal-President tal-Ukrajna dwar il-ħatra tal-imħallfin, ippubblikati fuq is-sit web uffiċjali tal-Uffiċċju tal-President. L-analiżi tal-evidenza pprovduta kkonfermat li s-60 imħallef kollha nħatru fil-pożizzjonijiet vakanti fil-qrati lokali u fil-livell tal-appell. Għalhekk, l-eżerċizzju tal-kampjunar tqies li kien ta' suċċess u r-rekwiżit ġie ssodisfat.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 3.3

Isem il-pass: Soluzzjoni/aġġudikazzjoni ta' 20 % tal-każijiet dixxiplinari l-qodma mhux ikkunsidrati sa tmiem l-2023

Riforma/investment relatat: Riforma 1. It-tiŝiħ tar-responsabbiltà, l-integrità u l-professjonaliżmu tal-ġudikatura

Iffinanzjat minn: self

Kuntest

Ir-rekwiżit għall-pass 3.3 deskritt fl-Anness tas-CID huwa:

"20 % tal-proċedimenti dixxiplinari antiki (ilmenti) mhux ikkunsidrati mill-31 ta' Diċembru 2023 huma riżolti/aġġudikati bl-involviment tas-Servizz tal-Ispetturi Dixxiplinari u abbażi tal-kriterji għall-prijoritizzazzjoni tal-kunsiderazzjoni tal-ilmenti dixxiplinari, previsti fil-klawżola 13.7 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja (kif emendati fl-21 ta' Novembru 2023, Nru 1068/0/15-23) li huma ppubblikati fis-sit web uffiċjali tal-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja."

Pass 3.3 huwa r-raba' minn sitt passi fl-implimentazzjoni tar-riforma 1 tal-kapitolu 3 (sistema ġudizzjarja). Huwa implimentat b'mod parallel mal-pass 3.4 dwar it-tlestija ta' 50 % tal-evalwazzjoni tal-kwalifiki tal-imħallfin. Dan kien preċedut mill-pass 3.2 dwar l-istabbiliment tal-Qorti Amministrattiva Distrettwali Speċjalizzata u l-Qorti Amministrattiva Speċjalizzata tal-Appell, ivvalutati b'mod pożittiv bħala parti mis-sitt (6) talba għall-pagament (it-tielet trimestru tal-2025) u l-pass 3.5 dwar id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tirrevedi d-dikjarazzjonijiet tal-integrità tal-imħallfin u l-proċess ta' verifika tagħhom li għadu ma ġiex issodisfat mit-tieni trimestru tal-2025 u l-pass 3.1 dwar il-mili ta' mill-inqas 20 % tal-pożizzjonijiet vakanti ġudizzjarji mit-tielet trimestru tal-2025, ivvalutati b'mod pożittiv bħala parti minn din it-talba għall-pagament. Dan huwa segwit mill-pass 3.15 (mistenni sar-raba' trimestru tal-2026) dwar l-operazzjonalizzazzjoni tal-Qorti Amministrattiva Distrettwali Speċjalizzata u tal-Qorti Amministrattiva Speċjalizzata tal-Appell.

Evidenza pprovduta

- 1) Dokument ta' sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID;
- 2) Kopja tad-deċiżjoni tal-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja Nru 3582/0/15-24 "Dwar il-bidu tal-ħidma tas-Servizz tal-Ispetturi Dixxiplinari tal-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja" datata l-10 ta' Diċembru 2024;
- 3) Kopji tad-deċiżjonijiet dwar ilmenti riżolti mill-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja, bl-involviment tas-Servizz tal-Ispetturi Dixxiplinari.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopro l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 3.3.

L-objettiv tar-riforma l huwa li ssaħħaħ il-kontabilità, l-integrità u l-professjonaliżmu tal-ġudikatura u tibni l-fiduċja pubblika fil-ġudikatura billi terġa' tibda l-għażla trasparenti u meritokratika tal-imħallfin, tagħti spinta lill-evalwazzjoni tal-kwalifiki tal-imħallfin li jippresjedu, issaħħaħ is-sistema ta' responsabbiltà dixxiplinari, tikkonsolida l-għodod eżistenti tal-integrità ġudizzjarja, u tistabbilixxi qorti ġdida biex tisma' kawżi amministrattivi li jinvolvu aġenziji tal-istat.

Ġie stabbilit Servizz ta' Spetturi Dixxiplinari ("DIS", Disciplinary Inspectors Service) bħala unità strutturali indipendenti taħt il-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja ("HCJ", High Council of Justice) bid-deċiżjoni tal-HCJ Nru 3582/0/15-24 "Dwar il-bidu tal-ħidma tas-Servizz ta' Spetturi Dixxiplinari tal-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja" bid-data tal-10 ta' Diċembru 2024. Id-deċiżjoni tagħti mandat lid-DIS biex jipproċessa lmenti dixxiplinari kontra l-imħallfin. Id-DIS beda jopera fit-23 ta' Diċembru 2024. Dan jikkonsisti minn kap, viċi kap u spetturi dixxiplinari.

Mill-31 ta' Diċembru 2023, l-HCJ kellu 12 106 ilment dixxiplinari mhux solvuti. F'konformità mal-qafas legali fis-seħħ dak iż-żmien, l-HCJ kompli jikkunsidra dawn il-każijiet matul l-2024, sal-istabbiliment tad-DIS. Meta d-DIS beda jopera, mit-23 ta' Diċembru 2024 sat-22 ta' Jannar 2025, 10 906 ilment dixxiplinari antik ġew trasferiti mill-HCJ għal spetturi dixxiplinari permezz ta' sistema ta' distribuzzjoni awtomatizzata. Minn dawn l-ilmenti, 6 054 kienu ġew ippreżentati lill-HCJ qabel tmiem l-2023, u, konsegwentement, 4 852 matul l-2024. Fiż-żmien tal-valutazzjoni, 2 741 mis-6 054 ilment li ġew ippreżentati qabel l-31 ta' Diċembru 2023 kienu ġew solvuti bl-involviment tad-DIS. Dan jirrappreżenta 23 % mill-każijiet il-qodma li ma ġewx ikkunsidrati sal-31 ta' Diċembru 2023. Il-kriterji għall-prijoritizzazzjoni tal-kunsiderazzjoni tal-ilmenti dixxiplinari, previsti fil-klawżola 13.7 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja, ġew applikati fl-ipproċessar tal-kawżi.

Abbażi tal-ispreadsheet ipprovduta mill-awtoritajiet Ukreni li telenka l-ilmenti riżolti kollha, is-servizzi tal-Kummissjoni ħadu kampjun aleatorju ta' 60 unità. Għal kull unità fil-kampjun, l-awtoritajiet Ukreni pprovdew links għad-deċiżjonijiet dwar l-ilmenti dixxiplinari, ippubblikati fuq is-sit web uffiċjali tal-HCJ. L-analiżi tal-evidenza pprovduta kkonfermat li s-60 ilment kollha ġew solvuti bl-involviment tad-DIS. Għalhekk, l-eżerċizzju tal-kampjunar tqies li kien ta' suċċess, u r-rekwiżit ġie ssodisfat.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 3.4

Isem il-pass: Mit-30 ta' Settembru 2016, it-tlestija tal-evalwazzjoni tal-kwalifiki (skrutinju) fir-rigward ta' 50 % tal-imħallfin li kien għad iridu jgħaddu minnha

Riforma/investment relatat: Riforma 1. It-tiżiħ tar-responsabbiltà, l-integrità u l-professjonaliżmu tal-ġudikatura

Iffinanzjat minn: self

Kuntest

Ir-rekwiżit għall-pass 3.4 deskritt fl-Anness tas-CID huwa:

"L-evalwazzjoni tal-kwalifiki (skrutinju) titlesta fir-rigward ta' 50 % tal-imħallfin li kien għad iridu jgħaddu minnha mit-30 ta' Settembru 2016 f'konformità mal-proċeduri stabbiliti u bl-involviment tal-Kunsill għall-Integrità Pubblika."

Il-pass 3.4 huwa l-ħames minn sitt passi fl-implimentazzjoni tar-Riforma 1 tal-Kapitolu 3 (sistema ġudizzjarja). Huwa implimentat b'mod parallel mal-Pass 3.3 dwar is-soluzzjoni/l-aġġudikazzjoni ta' 20 % tal-każijiet dixxiplinari antiki mhux ikkunsidrati sa tmiem l-2023, u l-Pass 3.1 dwar li jimtlew mill-inqas 20 % tal-pożizzjonijiet vakanti ġudizzjarji li ma ġewx issodisfati fit-tielet trimestru tal-2025. Dan kien preċedut mill-Pass 3.5 dwar id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tirrevedi d-dikjarazzjonijiet tal-integrità tal-imħallfin u l-proċess ta' verifika tagħhom li għadu mhux issodisfat mit-tieni trimestru tal-2025, u l-Pass 3.2 dwar il-liġi li tistabbilixxi qorti ġdida biex tisma' kawżi amministrattivi li ġie ssodisfat fit-tielet trimestru tal-2025. Dan huwa segwit mill-Pass 3.15 li jirrikjedi li l-qorti l-ġdida tisma' kawżi amministrattivi li għandhom ikunu operazzjonali fir-raba' trimestru tal-2026.

Evidenza pprovduta

- 1) Dokument ta' sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID;
- 2) Ittra tal-Kummissjoni Għolja tal-Kwalifiki tal-Imħallfin Nru 28-5719/24 datata l-11 ta' Ottubru 2024;
- 3) Ittra tal-Kummissjoni Għolja tal-Kwalifiki tal-Imħallfin Nru 28-1624/26 datata s-17 ta' Marzu 2026.
- 4) Kopji tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Għolja tal-Kwalifiki tal-Imħallfin dwar it-tlestija tal-valutazzjonijiet tal-kwalifiki.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 3.4.

L-objettiv tar-riforma l huwa li ssaħħaħ il-kontabilità, l-integrità u l-professjonaliżmu tal-ġudikatura u tibni l-fiduċja pubblika fil-ġudikatura billi terġa' tibda l-għażla trasparenti u meritokratika tal-imħallfin, tagħti spinta lill-evalwazzjoni tal-kwalifiki tal-imħallfin li jippresjedu, issaħħaħ is-sistema ta' responsabbiltà dixiplinari, tikkonsolida l-ġhodod eżistenti tal-integrità ġudizzjarja, u tistabbilixxi qorti ġdida biex tisma' kawżi amministrattivi li jinvolvu aġenziji tal-istat.

Mit-30 ta' Settembru 2016, total ta' 6 958 imħallef fis-sistema tal-qrati tal-Ukrajna kienu meħtieġa jgħaddu mill-valutazzjoni tal-kwalifiki (skrutinju). B'riżultat ta' dan, l-indikatur jirrikjedi t-tlestija tal-proċess ta' skrutinju għal 3 479 imħallef. F'konformità mal-proċeduri stabbiliti, il-Kummissjoni Għolja tal-Kwalifiki tal-Imħallfin (HQCJ) lestiet il-valutazzjoni ta' 3 350 imħallef, li jew ġew ikkonfermati bħala kkwalifikati għall-pożizzjonijiet tagħhom jew ma kinux adatti għall-pożizzjoni li kellhom. Barra minn hekk, l-HQCJ irrapportat li 29 mill-imħallfin irrifjutaw li jgħaddu mill-valutazzjoni; f'dawk il-każijiet ġiet ippreżentata sottomissjoni għal każda. F'977 każ ieħor, il-valutazzjoni tal-kwalifiki ġiet itterminata matul it-twettiq tagħha għal raġunijiet li ma kinux jiddependu fuq l-HQCJ, primarjament minħabba r-riżenja tal-imħallfin jew l-irtirar tagħhom. Il-Kunsill għall-Integrità Pubblika ("PIC", Public Integrity Council) kien involut fil-valutazzjoni fejn ingħata mandat legali. B'kont meħud ta' dawn il-każijiet, b'kollox ġew ikkunsidrati 4 356 każ ta' mħallfin.

Għalkemm hemm devjazzjoni minima bejn l-għadd ta' mħallfin li lestew kompletament l-iskrutinju saż-żmien tar-rapportar u l-mira numerika stabbilita mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, l-objettiv ġenerali ta' dan l-indikatur intlaħaq. Barra minn hekk, il-konklużjoni bikrija tal-valutazzjoni ta' xi mħallfin kienet dovuta għaċ-ċirkostanzi mhux fil-kontroll tal-HQCJ.

Abbażi ta' spreadsheet ipprovduta mill-awtoritajiet Ukreni, li elenkat it-3350 imħallef kollha li kienu lestew kompletament l-iskrutinju, is-servizzi tal-Kummissjoni għażlu b'mod aleatorju kampjun ta' 60 każ. Għal kull wieħed minn dawn, l-awtoritajiet ipprovdew links għad-deċiżjonijiet ippublikati tal-HQCJ fuq is-sit web uffijjali tagħha. Eżami tal-evidenza kkonferma li s-60 imħallef kollha fil-kampjun kienu tabilħaqq lestew il-proċess ta' skrutinju. Għalhekk, l-eżerċizzju tal-kampjunar tqies li kien ta' suċċess.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 3.8

Isem il-pass: Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar l-infurzar ta' deċiżjonijiet tal-qorti relatati ma' obbligi monetarji u mhux monetarji u d-diġitalizzazzjoni

Riforma/investment relatat: Riforma 2. Ir-riformi tal-insolvenza u l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti

Iffinanzjat minn: self

Kuntest

Ir-rekwiżit għall-pass 3.8 deskritt fl-Anness tas-CID huwa:

"Id-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar l-infurzar ta' deċiżjonijiet tal-qorti relatati ma' obbligi monetarji u mhux monetarji u d-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-proċedimenti ta' infurzar."

Il-Pass 3.8 huwa t-tieni minn sitt passi fl-implimentazzjoni tar-riforma 2 tal-kapitolu 3 (sistema ġudizzjarja). Dan kien preċedut mill-pass 3.6 dwar id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar it-titjib tar-reġim tal-insolvenza, ivvalutat b'mod pożittiv bħala parti mit-tielet (3) talba għall-pagament (ir-raba' trimestru tal-2024). Dan huwa segwit mill-pass 3.9 (mistenni mir-raba' trimestru tal-2025) li skontu hija operazzjonali sistema ta' ġbir ta' data dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti.

Evidenza pprovduta

- 1) Dokument ta' sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID;
- 2) Kopja tal-Liġi Nru 4833-IX "Dwar l-Emendi għal Ċerti Liġijiet tal-Ukrajna dwar is-Simplifikazzjoni tal-Proċedimenti ta' Infurzar Permezz tad-Diġitalizzazzjoni";
- 3) Kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 4094-IX "Dwar it-Titjib tal-Kontroll Ġudizzjarju fuq l-Infurzar tas-Sentenzi tal-Qorti", datata l-21 ta' Novembru 2024.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 3.8.

Ir-riforma 2 għandha l-objettiv li ttejjeb il-proċeduri ta' insolvenza u infurzar billi l-leġiżlazzjoni rilevanti tiġi allinjata mal-*acquis* tal-UE u jinbnew kapaċitajiet istituzzjonali u oħrajn biex tiġi applikata kif xieraq. Għal dan l-għan, il-Parlament Ukren adotta l-Liġi tal-Ukrajna Nru 4833-IX "Dwar l-Emendi għal Ċerti Atti Leġiżlattivi tal-Ukrajna dwar it-Titjib tal-Proċedura għall-Infurzar tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti, id-Deċiżjonijiet ta' Korpi Oħra u d-Diġitalizzazzjoni ta' Ċerti Stadji ta' Proċedimenti ta' Infurzar" fis-7 ta' April 2026 u l-Liġi tal-Ukrajna Nru 4094-IX "Dwar it-Titjib tal-Kontroll Ġudizzjarju fuq l-Infurzar tas-Sentenzi tal-Qorti", fil-21 ta' Novembru 2024.

Il-liġi Nru 4833-IX ittejjeb id-diġitalizzazzjoni tal-proċedimenti ta' infurzar u hija mistennija li tagħmel l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti aktar rapidu u aktar effettiv. Il-liġi Nru 4833-IX hija mistennija li ttejjeb b'mod speċjali l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti monetarja billi tintroduċi emendi għall-proċess ta' preklużjoni tal-proprjetà, l-awtomatizzazzjoni ta' xi stadji tal-proċeduri ta' infurzar u billi ttejjeb il-verifika tal-assi tad-debituri. Il-liġi hija mistennija li ttejjeb il-ġbir tad-djun, filwaqt li ttiprovdi salvagwardji lid-debituri, bħal restrizzjonijiet fuq il-qbid tar-residenza unika.

Il-liġi Nru 4833-IX tipprovdi aġġornamenti għall-komponenti ewlenin tal-infrastruttura tal-infurzar diġitali u ttejjeb l-interazzjoni bejn l-uffiċjali tal-infurzar u l-korpi tal-gvern, il-banek, l-istituzzjonijiet finanzjarji, u l-fornituri mhux bankarji ta' servizzi ta' pagament. Dan itejjeb il-funzjonament tas-Sistema Awtomatizzata tal-Proċedimenti ta' Eżekuzzjoni ("ASEP", Automated System of Enforcement Proceedings), li tiffaċilita l-ġestjoni elettronika tad-dokumenti. Il-funzjonijiet il-ġodda tal-ASEP itejbu l-iskambju ta' informazzjoni mal-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji. Il-liġi tintroduċi wkoll interazzjoni awtomatika ma' reġistri oħra tal-istat. Ġew introdotti wkoll bidliet fir-Reġistru Unifikat tad-Debituri, li fih informazzjoni dwar l-obbligi pendenti tad-debituri, kemm entitajiet ġuridiċi kif ukoll individwi, u huwa mfassal biex jipprevjeni l-aljenazzjoni tal-proprjetà. Il-liġi Nru 4833-IX tipprevedi li d-debituri elenkati fir-Reġistru Unifikat tad-Debituri ma jkunux jistgħu jikkonkludu ċerti tranżazzjonijiet, bħal li jirreġistraw rahan fuq il-proprjetà immobbli tagħhom, ħliet f'każijiet previsti mil-liġi. Għal dan l-għan, il-verifika tal-istatus ta' debitur se ssir obligatorja għal ċerti tranżazzjonijiet. Fl-istess ħin, il-proċess tat-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq il-proprjetà tad-debitur isir aktar awtomatiku u trasparenti. Il-liġi Nru 4833-IX tintroduċi wkoll interazzjoni bejn ir-Reġistru tad-Debituri u reġistri statali oħra, li toffri għodod addizzjonali għall-uffiċjali tal-infurzar biex jittraċċaw l-assi tad-debituri.

Id-dispożizzjonijiet finali tal-Liġi Nru 4833-IX jintroduċu approċċ gradwali għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda, fejn il-liġi tibda tidħol fis-seħħ fl-24 ta' April 2026, filwaqt li l-korp ewlieni tal-liġi se japplika biss sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni sabiex jiġu implimentati l-bidliet meħtieġa fis-sistemi tal-IT għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda.

Il-liġi Nru 4094-IX daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Diċembru 2024. Hija għandha l-għan li ttejjeb il-kontroll fuq l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti f'kawżi amministrattivi. Din se ttejjeb ukoll l-infurzar ta' ċerti kategoriji ta' talbiet fi proċedimenti ċivili u kummerċjali. Id-dispożizzjonijiet tagħha mistennija li jtejjeb prinċipalment l-infurzar ta' obbligi mhux monetarji. Il-liġi tintroduċi possibbiltà għall-qorti li titlob rapport dwar l-infurzar tad-deċiżjoni. Hija tistipula wkoll multi għan-nuqqas ta' infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti u jipprevedi li f'każ li d-debitur ikun korp kolleġġjali, tista' tiġi imposta multa fuq kull membru tal-korp li jkun naqas milli jiżgura l-infurzar tad-deċiżjoni tal-qorti fl-awtorità tiegħu. Hija tintroduċi wkoll il-possibbiltà li l-kreditur iressaq rikors quddiem il-qorti b'talba biex jinbidel il-metodu ta' eżekuzzjoni, jekk id-debitur jonqos milli jeżegwixxi d-deċiżjoni tal-qorti.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 3.9

Isem il-pass: Sistema ta' ġbir ta' data dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti hija operazzjonali
Riforma/investment relatat: Riforma 2. Ir-riformi tal-insolvenza u l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti
Iffinanzjat minn: self
Kuntest Ir-rekwiżit għall-pass 3.9 deskritt fl-Anness tas-CID huwa: <i>"Sistema ta' ġbir ta' data dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti hija operazzjonali"</i> Il-pass 3.9 huwa t-tielet mill-ħames passi fl-implimentazzjoni tar-riforma 2 tal-kapitolu 3 (sistema ġudizzjarja). Dan kien preċedut mill-pass 3.6 dwar id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar it-titjib tar-reġim ta' insolvenza, ivvalutat b'mod pożittiv bħala parti mit-tielet (3) talba għal pagament (ir-raba' trimestru tal-2024) u l-pass 3.8 dwar id-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar l-infurzar ta' deċiżjonijiet tal-qorti relatati ma' obbligi monetarji u mhux monetarji u d-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-proċedimenti ta' infurzar, pendenti mill-ħames (it-tieni trimestru tal-2025) pagament parzjali u vvalutat b'mod pożittiv bħala parti mit-talba għal pagament attwali. Dan huwa segwit mill-pass 3.7 (mistenni sal-ewwel trimestru 2026) dwar id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni għal proċeduri simplifikati ta' insolvenza għall-Intrapriżi Mikro, Żgħar u ta' Daqs Medju (MSMEs) u l-pass 3.10 (mistenni sat-tieni trimestru tal-2026) li skontu s-sistema tal-IT aġġornata għall-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti hija operazzjonali.
Evidenza pprovduta <ol style="list-style-type: none">1) Dokument ta' sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID;2) Link għad-dashboards fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja: https://minjust.gov.ua/other/data_collection_system_on_enforcement_proceedings;3) Kopja tal-ordni tas-Segretarju tal-Istat tal-Ministeru għall-Ġustizzja dwar il-miżuri għall-implimentazzjoni tal-pass 3.9 fil-Pjan għall-Ukrajna.
Analiżi Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 3.9. Ir-riforma 2 għandha l-oġettiv li ttejjeb il-proċeduri ta' insolvenza u infurzar billi l-leġiżlazzjoni rilevanti tiġi allinjata mal- <i>acquis</i> tal-UE u jinbnew kapaċitajiet istituzzjonali u oħrajn biex tiġi applikata kif xieraq. Għal dan l-għan, il-Ministeru tal-Ġustizzja żviluppa sistema ta' ġbir ta' data li tiġbor data dwar il-proċedimenti ta' infurzar. Is-sistema tal-ġbir tad-data hija disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja u hija bbażata fuq statistika uffiċjali. Dan jipprovdri informazzjoni statistika dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti minn kategoriji differenti ta' deċiżjonijiet. Jipprovdri wkoll informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-uffiċjali tal-infurzar pubbliċi u privati u tal-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Is-sistema tiġbor informazzjoni minn sorsi differenti u ttipprovdiha fuq il-pjattaforma pubblika. Aċċess aħjar għal din l-informazzjoni huwa mistenni li jtejjeb it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u l-iskrutinju pubbliku tal-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja qed jippjana li jkompli jaġġorna s-sistema abbażi tal-esperjenzi u l-feedback tal-utenti wara l-ewwel xhur tal-operat tas-sistema l-ġdida.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 5.6

Isem il-pass: Id-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar it-titjib tar-regolamentazzjoni tal-istat għas-swieq kapitali u għas-suq tal-komoditajiet organizzati

Riforma/investment relatat: Riforma 4. Kapaċità mtejba tal-awtorità superviżorja finanzjarja

Iffinanzjat minn: self

Kuntest

Ir-rekwiżit għall-pass 5.6 deskritt fl-Anness tas-CID huwa:

"Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar it-titjib tar-regolamentazzjoni tal-istat għas-swieq kapitali u għas-swieq tal-komoditajiet organizzati u li tallinjaha mal-istandards IOSCO. Dan jirreferi għall-kapaċità tal-Kummissjoni Nazzjonali dwar is-Swieq tat-Titoli u l-Ishma (National Commission on Securities and Stock Market - NSSMC) li topera mingħajr influwenza esterna, b'mod partikolari minn pressjonijiet politiċi jew industrijali, tiegħu deċiżjonijiet ibbażati fuq il-liġi u fuq l-aħjar interessi tal-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri, aktar milli fuq interessi esterni, u jkollha mekkaniżmi ta' infurzar b'saħħithom u kooperazzjoni internazzjonali."

Il-pass 5.6 huwa l-uniku pass fl-implimentazzjoni tar-riforma 4 tal-kapitolu 5 (swieq finanzjarji).

Evidenza pprovduta

- 1) Dokument ta' sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID;
- 2) Kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 3585-IX "Dwar l-Emendi għal-Liġi tal-Ukrajna "Dwar ir-Regolamentazzjoni mill-Istat tas-Swieq Kapitali u s-Swieq tal-Komoditajiet Organizzati" u Ċerti Atti Leġiżlattivi Oħra tal-Ukrajna dwar it-Titjib tar-Regolamentazzjoni mill-Istat u s-Superviżjoni tas-Swieq Kapitali u s-Swieq tal-Komoditajiet Organizzati", datata t-22 ta' Frar 2024.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u l-evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 5.6.

L-oġġettiv tar-riforma 4 huwa li jtejjeb ir-regolamentazzjoni tal-istat għas-swieq kapitali u s-swieq tal-prodotti bażiċi organizzati.

Għal dan l-għan, il-parlament Ukren adotta l-Liġi tal-Ukrajna Nru 3585-IX "Dwar l-Emendi għal-Liġi tal-Ukrajna "Dwar ir-Regolamentazzjoni mill-Istat tas-Swieq Kapitali u s-Swieq tal-Komoditajiet Organizzati" u Ċerti Atti Leġiżlattivi Oħra tal-Ukrajna dwar it-Titjib tar-Regolamentazzjoni mill-Istat u s-Superviżjoni tas-Swieq Kapitali u s-Swieq tal-Komoditajiet Organizzati" tat-22 ta' Frar 2024. Il-liġi daħlet fis-seħħ fis-27 ta' Settembru 2024, filwaqt li ċerti dispożizzjonijiet daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026, b'mod partikolari dawk dwar l-għażla kompetittiva tal-President u tal-Kummissarji, ir-restrizzjonijiet applikabbli għall-impjegati tal-Kummissjoni Nazzjonali dwar it-Titoli u s-Suq tal-Istokk (NSSMC), l-istatus ta' persuni awtorizzati, setgħat imsaħħa ta' investigazzjoni u sanzjonar, regoli proċedurali għal proċedimenti ta' infurzar, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar organizzazzjonijiet awtoregulatorji u l-ġlieda kontra l-abbuż tas-suq.

Fir-rigward tal-Prinċipji IOSCO Relatati mar-Regolatur (il-Prinċipji 1–8), il-liġi tiddefinixxi l-mandat u r-responsabbiltajiet tal-NSSMC (il-Prinċipju 1) u tipprovdi salvagwardji għall-indipendenza u r-responsabbiltà operazzjonali fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu (il-Prinċipju 2), inkluża l-protezzjoni minn influwenza esterna illegali fl-attivitajiet superviżorji, ta' spezzjoni u ta' infurzar. Dan jistabbilixxi l-bażi biex l-NSSMC jingħata setgħat, riżorsi u kapacià adegwati biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu (Prinċipju 3), inkluż it-tfassil tar-regoli, is-superviżjoni u l-infurzar. Il-qafas regolatorju huwa bbażat fuq proċeduri ċari (Prinċipju 4) u jinkludi rekwiżiti dwar il-kondotta professjonali, il-kunfidenzjalità, u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess applikabbli għall-persunal u għall-parteċipanti fis-suq (Prinċipju 5). Il-Liġi tintegra wkoll mekkaniżmi għall-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju sistemiku fi ħdan il-mandat tal-NSSMC (Prinċipju 6), teħtieġ rieżami perjodiku tal-atti regolatorji u l-perimetru regolatorju (Prinċipju 7), u tipprevedi l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u l-allinjamenti ħżiena tal-inċentivi (Prinċipju 8).

Fir-rigward tal-Prinċipji IOSCO għall-Awtoregolamentazzjoni (Prinċipju 9), l-NSSMC teżerċita sorveljanza fuq l-organizzazzjonijiet awtoregolatorji, li huma soġġetti għal superviżjoni regolatorja u meħtieġa jikkonformaw mal-istandards tal-ġustizzja u l-kunfidenzjalità.

Fir-rigward tal-Prinċipji IOSCO għall-Infurzar tar-Regolament dwar it-Titoli (il-Prinċipji 10–12), l-NSSMC hija mgħammra b'setgħat superviżorji, investigattivi u ta' sanzjonar komprensivi, inklużi spezzjonijiet, investigazzjonijiet, sejbiet ta' ksur, u applikazzjoni ta' miżuri ta' infurzar skont proċeduri stabbiliti.

Fl-aħħar nett, f'konformità mal-Prinċipji IOSCO għall-Kooperazzjoni fir-Regolament (il-Prinċipji 13–15), il-Liġi tawtorizza lill-NSSMC biex tiskambja informazzjoni, inkluża informazzjoni kunfidenzjali, ma' kontropartijiet domestiċi u barranin u biex tipprovdi assistenza f'investigazzjonijiet u attivitajiet oħra ta' kooperazzjoni regolatorja.

Dawn id-dispożizzjonijiet kollettivament iwittu t-triq għall-NSSMC biex topera b'mod ħieles minn influwenza esterna, tiegħu deċiżjonijiet ibbażati fuq il-liġi u l-aħjar interessi tal-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri, u biex ikollha mekkaniżmi ta' infurzar b'saħħithom u għodod ta' kooperazzjoni internazzjonali konsistenti mal-istandards tal-IOSCO.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti

Pass 7.8

Isem il-pass: Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar il-Prinċipji Bażiċi tal-Politika dwar l-Akkomodazzjoni

Riforma/investment relatat: Riforma 7. Żgurar tal-aċċess għall-akkomodazzjoni għall-persuni fil-bżonn

Iffinanzjat minn: self

Kuntest

Ir-rekwiżit għall-pass 7.8 deskritt fl-Anness tas-CID huwa:

"Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-Ukrajna "Dwar il-Prinċipji Bażiċi tal-Politika dwar l-Akkomodazzjoni". Il-Liġi tiffoka fuq dawn l-oqsma ewlenin:

- *l-aċċessibilità għall-akkomodazzjoni għall-aktar kategoriji ta' ċittadini vulnerabbli għandha ssir il-prinċipju ewlieni fil-forniment tal-akkomodazzjoni;*
- *il-ħolqien ta' diversi mekkaniżmi ta' għajnuna għaċ-ċittadini b'kapaċitajiet finanzjarji differenti u d-determinazzjoni tal-kriterji għall-aċċess għalihom;*
- *ir-regolamentazzjoni tal-bażi legali għall-introduzzjoni tal-kiri ta' akkomodazzjoni komunal, il-kiri ta' akkomodazzjoni komunal bid-dritt ta' xiri;*
- *il-ħolqien ta' sistema trasparenti għar-reġistrazzjoni tal-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni taċ-ċittadini biex jiġi żgurat rispons fil-pront fil-livell lokali;*
- *il-ħolqien ta' qafas trasparenti għall-monitoraġġ mill-pubbliku, mis-soċjetà ċivili u mill-komunità internazzjonali."*

Il-pass 7.8 huwa l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tar-riforma 7 tal-kapitolu 7 (kapital uman). Dan huwa segwit mill-pass 7.9 dwar id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar il-Fond għall-Akkomodazzjoni Soċjali mistenni fir-raba' trimestru tal-2026.

Evidenza pprovduta

- 1) Dokument ta' sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID;
- 2) Kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 4751-IX "Dwar il-Prinċipji Bażiċi tal-Politika tal-Akkomodazzjoni", datata t-13 ta' Jannar 2026;
- 3) Kopja tal-pubblikazzjoni tal-liġi fil-Gazzetta Uffiċjali Nru 51 datata l-5 ta' Marzu 2026.

Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-pass 7.8.

L-objettiv tar-riforma 7 huwa li jiġi żviluppat il-qafas ta' sistema tal-akkomodazzjoni soċjali. Dan il-pass ta' riforma speċifiku jikkonċerna l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tistabbilixxi l-prijoritajiet ewlenin għall-politika tal-akkomodazzjoni tal-Ukrajna, inkluż l-aċċess għall-akkomodazzjoni għal dawk l-aktar vulnerabbli. Għal dan l-għan, fit-13 ta' Jannar 2026 il-Parlament Ukren adotta l-Liġi Nru 4751-IX "Dwar il-Prinċipji Bażiċi tal-Politika dwar l-Akkomodazzjoni". Il-liġi daħlet fis-seħħ fis-6 ta' Marzu 2026, wara li ġiet ippubblikata fil-ġurnal uffiċjali fil-5 ta' Marzu 2026.

Il-liġi tistabbilixxi "aċċessibbiltà u akkomodazzjoni mingħajr ostakli" bħala prinċipju ewlieni tal-politika tal-akkomodazzjoni tal-Ukrajna. Din tidentifika l-gruppi vulnerabbli u soċjalment protetti bħala benefiċjarji ta' prijorità u tiggarrantixxi l-aċċess tagħhom għal akkomodazzjoni affordabbli u soċjali.

Il-liġi tintroduċi firxa wiesgħa ta' mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju għal persuni b'kapaċitajiet finanzjarji differenti. Dawn jinkludu self preferenzjali fit-tul, sussidji, kumpens, lokazzjoni, u "rent-to-buy" marbuta mal-introjtu u l-kriterji ta' eliġibbiltà. Dawn jinkludu wkoll kooperattivi, mekkaniżmi ta' sħubija pubblika-privata, u l-għażla li l-komunitajiet jitħallew jallokaw art għall-iżvilupp mingħajr ħlas biex l-akkomodazzjoni ssir aktar affordabbli.

Il-liġi tirregola l-bażi legali għall-kiri ta' akkomodazzjoni komunalni. Inkluż il-kiri ta' akkomodazzjoni komunalni bid-dritt għax-xiri. Dan jinkludi r-regolamentazzjoni tal-kiri ta' akkomodazzjoni privata u pubblika, akkomodazzjoni għall-kera soċjali, u akkomodazzjoni għas-servizz għall-gruppi tas-settur pubbliku matul id-durata tad-dmirijiet uffiċjali. Hija tintroduċi strument ta' lokazzjoni bid-dritt ta' xiri ("rent-to-buy") li, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, se jippermetti liċ-ċittadini jirreġistraw il-proprjetà li jkun qed jikru bħala tagħhom stess wara minimu ta' għaxar (10) snin ta' lokazzjoni. Kundizzjoni ewlenija hija l-ħlas lil fond rotanti bi prezz mhux aktar baxx mill-ispiża ta' akkomodazzjoni soċjali ġdida bil-ħsieb li tiġi ffinanzjata l-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali ġdida. Il-kera mħallsa matul il-perjodu ta' għaxar (10) snin se tingħadd ma' dan il-prezz.

Il-liġi toħloq sistema trasparenti għall-aċċess għall-informazzjoni dwar l-istokk tal-akkomodazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni taċ-ċittadini permezz tal-istabbiliment ta' "Sistema Unifikata ta' Informazzjoni u ta' Akkomodazzjoni Analitika". Is-sistema se taħdem bħala ċentru uniku ta' informazzjoni diġitali li se jikkombina d-data fpost wieħed u jinteraġixxi awtomatikament ma' reġistri oħra tal-istat.

Il-liġi tintroduċi "Sistema Unifikata ta' Informazzjoni u ta' Akkomodazzjoni Analitika" li se tiffaċilita l-monitoraġġ mill-pubbliku, mis-soċjetà ċivili u mill-komunità internazzjonali. Is-sistema se tirreġistra l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni, tiġbor u tipprovdi informazzjoni miftuħa dwar l-istokk tal-akkomodazzjoni b'mod trasparenti. Din se tinkludi d-diġitalizzazzjoni tal-kjuwijiet kollha tal-appartamenti u t-tqegħid tad-data għad-dispożizzjoni tal-pubbliku għat-tiftix u l-aċċess. Is-sistema se taħdem bħala ċentru diġitali uniku, li jiġbor id-data kollha fpost wieħed u jinteraġixxi awtomatikament ma' reġistri oħra tal-Istat, inklużi programmi ta' appoġġ disponibbli, kooperattivi tal-akkomodazzjoni, istituzzjonijiet finanzjarji, u operaturi tal-akkomodazzjoni soċjali.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni: ksib sodisfaċenti
